32001L0008

9.2.2001 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 39/31

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2001/8/KE
## tat-8 ta' Frar 2001
## li tbiddel l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/109/KEE dwar il-manifattura u t-tqegħid fis-suq ta' sustanzi użati fil-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotopiċi.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITA EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/109/KEE tal-14 ta' Diċembru 1992 dwar il-manifattura u t-tpoġġija fis-suq ta' ċerti sustanzi li jintużaw fil-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi ([1]), hekk kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/46/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Billi:

(1) Huwa,eħtieġ li jingħata effett lid-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Drogi Narkotiċi ta' Marzu 2000 biex tkun inkluża s-sustanza norephedrine fit-Tabella I ta' l-Anness tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1988.

(2) Huwa meħtieġ li tkun emendata l-Kategorija 1 ta' l-Anness I għad-Direttiva bażika biex tkun konformi ma' dan.

(3) L-inklużjoni bħal din tkompli l-proċess li tqarreb id-Direttiva tal-Kunsill (KEE) Nru 3677/90 tat-13 ta' Diċembru 1990 li tistabbilixxi l-miżuri biex tiskoraġġixxi d-devjazzjoni ta' ċerti sustanzi li jintużaw fil-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi ([3]), hekk kif implimentata u l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3769/92 ([4]).

(4) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 3677/90,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 92/109/KEE għandu jkun mibdul bl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom idaħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2001. Huma għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta adottati mill-Istati Membri, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha tkun magħmula tali referenza.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunita Ewropea.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Frar 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Erkki LIIKANEN

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 370, tad-19.12.1992, p. 76.
([2]) ĠU L 159, ta' l-1.7.1993, p. 134.
([3]) ĠU L 357, ta' l-20.12.1990, p. 1.
([4]) ĠU L 383, tad-29.12.1992, p. 17.

*L-ANNESS*

"L-ANNESS I

KATEGORIJA 1 ([1])

| Sustanzi | Designazzjoni NM (Jekk differenti) | Kodiċi NM ([2]) |
|---|---|---|
| 1-Phenyl-2-propanone | Phenylacetone | 2914 31 00 |
| Aċidu N-acetylanthranilic | Aċidu 2-Acetamidobenzoic | 2924 22 00 |
| Isosafrol (cis + trans) | | 2932 91 00 |
| 3,4-Methylenedioxypnenylpropane-2-one | 1-(1,3-Benzodioxol-5-yl)propan-2-one | 2932 92 00 |
| Piperonal | | 2932 93 00 |
| Safrole | | 2932 94 00 |
| Ephedrine | | 2939 41 00 |
| Pseudophedrine | | 2939 42 00 |
| Norephedrin | | ex 2939 49 00 |
| Ergometrine | | 2939 61 00 |
| Ergotamine | | 2939 62 00 |
| Aċisu Lysergic | | 2939 63 00 |

([1]) L-imluħ tas-sustanzi elenkati f'din il-kategorija kull meta l-eżistenza ta' mluħ bħal dawn tkun possibbli.

([2]) ĠU L. 278, tat-28.10.1999, p. 1

KATEGORIJA 2 ([1])

| Sustanzi | Designazzjoni NM (Jekk differenti) | Kodiċi NM ([2]) |
|---|---|---|
| Acetic anhydride | | 2915 24 00 |
| Aċidu Phenylacetic | | 2915 34 00 |
| Acidu Anthranilic | | 2922 43 00 |
| Pipereridine | | 2933 32 00 |

([1]) L-imluħ tas-sustanzi elenkati f'din il-kategorija kull meta l-eżistenza ta' mluħ bħal dawn tkun possibbli.

([2]) ĠU L. 278, tat-28.10.1999, p. 1

KATEGORIJA 3

| Sustanzi | Designazzjoni NM (Jekk differenti) | Kodiċi NM ([1]) |
|---|---|---|
| Aċidu idrokloriku | Klorit ta' l-idroġenu | 2806 10 00 |
| Aċidu sulfuriku | | 2807 00 10 |
| Permanginat tal-puntassa (*) | | 2841 61 00 |
| Toluene (*) | | 2902 30 10 (90) |
| Eteru etilku (*) | Eteru dietiliku | 2909 11 00 |
| Aċetone (*) | | 2914 11 00 |
| Methylethylketone (MEK) (*) | Butanone | 2914 12 00 |

(*) L-imluħ tas-sustanzi elenkati f'din il-kategorija kull meta l-eżistenza ta' mluħ bħal dawn tkun possibbli.

([1]) ĠU L. 278, tat-28.10.1999, p. 1"